MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 561/2005

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 561/2005 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Joseph Camilleri**
**(ID 378064M)**

**vs**

**Joseph Zammit u martu Maria Zammit ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti**

Rat l-avvizipprezentat fit-30 ta' Novembru 2005 fejn r-rikorrent Joseph Camilleri talab lill-Qorti tghid ghaliex, wara illi jigi dikjarat minnha, bl-ghajnuna ta' periti nominandi, li l-vettura tal-marka Trukk Isuzu bil-highup u bin-numru ta' registrazzjoni **GBC-228** li r-rikorrenti xtara minghand l-intimat kienet affetta minn difetti latenti, liema difetti l-intimat qatt ma semma lir-rikorrent, b'mod li tali difetti jrrendu l-vettura minnu mibjugha li ma tistax tintuza ghall-iskopijiet taghha, jew jnaqqsu il-valur taghhha b'tali mod li l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri somma anqas li kieku kien jaf bihom, l-konvenuti Joseph u Maria Zammit ma' ghandhomx jigu kkundannati ihallsu lir-rikorrent dik is-somma hekk likwidata rapprezentanti riduzzjoni fil-prezz tal-vettura mibjugha mill-intimat lir-rikorrent, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-bejgh, ossija dakinhar li thallas lilhom il-prezz, sal-pagament effettiv.

Ghal fini ta' kompetenza, qieghed jigi dikjarat illi l-valur meritu ta' dina l-procedura ma jeccedix il-hdax-il elf, sitt mija u hamsin euro (€11,650).

Bl-ispejjez u bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

L-intimati, minn naha taghhom, permezz ta' eccezzjonijiet ipprezentati fil-25 ta' Mejju 2006, laqghu ghat-talbiet rikorrenti billi ghamlu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. Preliminarjament, illi l-azzjoni attrici hija insostenibbli gialadarba l-vettura ma gietx iddepositata taht l-Awtorita' tal-Qorti qabel gew intavolati dawn il-proceduri u gialadarba l-istess vettura kienet u ghadha fil-pussess materjali ta' l-attur li sahansitra ghamel xoghlijiet fuq l-istess vettura;

2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-vettura mibjugha mill-eccipjenti lill-atturi ma kellha ebda difetti latenti fil-mument tal-bejgh u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi, subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-eccipjenti ma kienu jafu bl-ebda difetti li giet mibjugha lill-attur, u dan ghall-finijiet ta' l-Artikolu 1429 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fit-18 ta' April 2007 gie appuntat espert Mekkaniku sabiex jezamina il-vettura, Philip Zammit, liema espert ipprezenta r-rapport tieghu u xehed dwaru kemm fis-27 ta' Gunju 2007 (fol 72) kif ukoll wara li pprezenta rapport addizzjonali fis-6 ta' Mejju 2008 (fol 99).

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Joseph Camilleri ipprezentata fit-2 ta' Novembru 2006 (fol 24) u l-kontro ezami tieghu illi sar fis-16 ta' Jannar 2008 (fol 88).

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Joseph Muscat ipprezentata fit-2 ta' Novembru 2006 (fol 27) u l-kontro ezami tieghu illi sar fil-11 ta' Novembru 2011 (fol 135).

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Nicholas Spiteri ipprezentata fit-2 ta' Novembru 2006 (fol 29) u l-kontro ezami tieghu illi sar fit-23 ta' Gunju 2009 (fol 114).

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Anthony Spiteri ipprezentata fit-2 ta' Novembru 2006 (fol 31) u l-kontro ezami tieghu illi sar fit-23 ta' Gunju 2009 (fol 117).

Rat ix-xhieda viva voce ta’ l-espert 'ex parte' Joseph Zammit illi inghata fis-27 ta' Frar 2007 (fol 51) u r-rapport minnu redatt.

Rat ix-xhieda viva voce ta’ l-intimat Joseph Zammit illi inghatat fil-21 ta' Ottubru 2009 u x-xhieda ta' Emanuel Zammit ili inghatat fl-istess seduta.

Rat illi fl-14 ta Dicembru 2011, wara illi l-avukati tal-partijiet itrattaw il-kaz, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Skond ix-xhieda moghtija mir-rikorrent Joseph Camilleri, huwa darba minnhom lemah truck Isuzu pickup bil-high-up ghal-bejgh u sar jaf li kien ta’ l-intimat. L-intimat talab sebgha t’elef liri maltin (Lm7,000) ghat-truck u wara li tkellmu ftehmu fuq il-prezz ta' sitt t’elef u disgha mitt liri maltin (Lm6,900). Wara illi ftehmu fuq il-prezz, r-rikorrent qal lill-intimat illi ried jippruvah u, wara illi mar ghall-mechanic tieghu Joseph Muscat, huma saqu l-vettura minn Hal Qormi (Imriehel) sa H'Attard u lura u l-vettura kienet tidher illi kienet tajba. Meta wasslu lura Hal Qormi, il-mechanic ezamina il-magna tat-truck minn barra u tella kemm il-kabina tat-truck kif ukoll il-kaxxa, u kollox kien jidher tajjeb.

Ghalhekk, wara li tah depozitu ta' mitt lira maltin (Lm100), r-rikorrent ftiehem ma’ l-intimat illi l-intimat itellaghhielu erba’ t’ijiem wara, jigifieri s-Sibt. Meta mar biha s-Sibt, l-intimat kien gharraf lir-rikorrent illi l-batteriji tat-truck kienu baxxi u ghalhekk qallu biex jipprova jicchargjahom u jekk ma jibqghux jahdmu, kien ser jixtrilu zewg batteriji ohra.

Dakinhar stess, r-rikorrenti hallas lill-intimat il-bilanc ta' sitt t’elef u tmin mitt lira maltin (Lm6,800) u nizlu bl-istess vettura miz-Zejtun ghal Birzebbugia sabiex jaghmlu t-transfer ghand ta’ l-'insurance'. Sussegwentement, r-rikorrent wassal lill-intimat lura d-dar tieghu gewwa Rahal Gdid, dejjem bl-istess vettura, u mar lura z-Zejtun.

Peress illi r-rikorrent ried jaghmel xi alterazzjonijiet fil-vann, fosthom illi jtawwal il-gib tieghu u li jhaxxen ic-channels tal-kaxxa tat-truck, huwa dam xi tlett gimghat jaghmel tali xoghlijiet strutturali flimkien ma' hut il-mara tieghu u ma kienx qed juza t-truck.

Wara illi ghamel dawn ix-xoghlijiet strutturali, huwa ghabba it-truck biex jmur ghax-xoghol l-ewwel darba, u innota illi beda hiereg l-ilma mill-'expansion tank'. Huwa ghalhekk, bl-ghajnuna ta' hu il-mara tieghu, Nicholas Spiteri, ha hsieb illi jerggha jimla l-ilma tat-truck u halla l-

magna mixghula. Ftit wara, izda, wiehed mill-pipes ta’ l-ilma tal-magna tat-truck infaqa' u kellu jbiddel il-pipe.

Sussegwentement, r-rikorrent cempel lill-mechanic tieghu, Joseph Muscat sabiex jigi jara it-truck, kif ukoll cempel lill-intimat biex jghidlu jigi jara il-problema illi kellu. Dakinhar stess kullhadd iltaqa u raw il-magna tal-vettura tahdem sakemm ma inqasam pipe iehor ta’ l-ilma, wara liema fatt l-intimat qal lir-rikorrent illi hi x'inhi l-hsara, trid tissewwa, u ghalhekk il-mecchanic qala ic-cylinder head tal-magna u rranga il-magna.

Il-mechanic izda, induna illi fis-sistema ta’l-ilma tal-magna, kienet giet uzata precendentement kimika hamra intiza bhala 'crack sealer' tad-ditta Holts u hija utilizzata sabiex issodd temporanjament qsim fis-cylinder head. Huwa induna illi kien hemm tali kimika illi ntuzat peress illi l-pipes ta’l-ilma li kienu nfaqghu kellhom lega hamra fihom meta l-ilma tal-coolant kien attwalment ahdar, liema lega hija indikattiva ta’ l-uzu ta' tali kimika.

Sussegwentement, wara illi t-truck issewwa, r-rikorrent mar bil-kont ta' mitejn u sittin ewro (Lm260) ghand l-intimat, li kien jinkludi kemm il-kont taz-zewg batteriji li kellhom jinbidlu, kif ukoll il-kont tax-xoghlijiet fuq il-magna, izda l-intimat rrifjuta li jhallashom u ried ihallas biss mitt lira maltin (Lm100).

Gara illi jiem wara, r-rikorrent ghabba vjagg ramel fuq it-truck u meta uza il-highup u l-kaxxa biex ihott ir-ramel, il-kaxxa ma kienetx qed izzomm imtella filwaqt illi kien hiereg zejt mill-highup.

Kien ghalhekk illi r-rikorrent imbaghad iddecieda illi jiftah il-kawza, wara illi t-truck gie spezzjonat mill-espert mekkaniku Joseph Zammit.

Waqt il-mori tal-kawza, imbaghad, r-rikorrent innota illi l-gear box kienet qieghda taghmel hoss stramb ukoll u irrizulta li kien hemm xi hsarat fiha.

In sostenn tal-verzjoni tieghu, r-rikorrenti ipprezenta wkoll bhala xhieda lill-mechanic Joseph Muscat, kif ukoll lil hut il-mara tieghu Nicholas Spiteri u Anthony Spiteri. Huwa ressaq ukoll bhala espert ex parte lill-espert tekniku Joseph Zammit li ezamina il-vettura fis- 17 ta' Settembru 2005 u ghamel il-konkluzjonijiet tieghu.

L-intimat Joseph Zammit, minn naha tieghu, sahaq illi r-rikorrent kien gie jara it-truck tieghu waqt illi kien ix-xoghol. Wara illi ftehmu dwar prezz, ir-rikorrent gab il-mechanic illi ppruvah u wara li vverifika it-truck, ftehmu li xi jiem wara kien ser igiblu t-truck u r-rikorrent kien ser ihallsu il-bilanc, liema fatt attwalment sehh.

Ftit gimghat wara, imbaghad, kif qal ukoll ir-rikorrent, ingibdet l-attenzjoni ta’ l-intimat illi l-magna kellha problema u meta mar fuq il-post u ra l-problema, l-intimat qal lir-rikorrent illi kellu jirrangah. Sussegwentement, wara illi rranga kollox, r-rikorrent mar ghandu biex jithallas tal-hsarat u spiccaw illitigaw.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, sabiex tkun f'pusizzjoni ahjar tikkonsidra il-hsara illi allegatament kellha l-vettura ossija Truck Isuzu **GBC 228** qabdet espert Tekniku, ossija Philip Zammit, sabiex jaghmel il-verifiki tieghu, liema perit di fatti ghamel zewg rapporti, t-tieni wiehed addizzjonali ghall-ewwel wiehed.

Fl-ewwel rapport tieghu, l-esponent ikkonstata illi kien hemm hsarat fil-'Hi-up & Box lift three way valve', fil-'Lift pump oil seal', fil-'Box lift control box', fil-'Gib gearbox bearings' u kien hemm bzonn illi tinbidel il-gearbox. F'tali rapport il-hsarat gew stmati fis-somma ta' elf mija tlieta u tletin liri maltin u erbgha u disghin centezmi (Lm1,133.94), ossija elfejn sitt mija u tnejn u erbghin ewro (€2,642). Fit-tieni rapport, gie ikkonstatat li kien hemm hsara fil-'Power Take Off' tas-sistema idrawlika kif ukoll illi l-gearbox illi kellu jinbidel kien oghla minn dak stabbilit fl-ewwel rapport. Ghalhekk, il-hsarat issa kienu gew stmati li jiswew elf sebgha mija tlieta u sittin liri maltin u erbgha u disghin

centezmi (Lm1,763.94), ossija erbgha t'elef mija u ghaxar ewro (€4,110).

Il-Qorti, tenut kont tan-natura teknika tar-rapport, tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

L-intimat jilqa' ghal-akkuzi migjuba kontra tieghu billi jaghmel tlett eccezzjonijiet legali:-

1. Il-vettura ghadha fil-pussess tar-rikorrenti u ghalhekk l-azzjoni maghmulha ma tistax issir;
2. Il-vettura ma kellha ebda difetti latenti fil-mument illi sar il-bejgh;
3. L-intimat ma kienx jaf illi kien hemm difetti fil-vettura.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, dina timpernja ruhha fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid:-

> *....... ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħti lura l- ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.*

Issa, fil-kaz odjern, harsa lejn l-azzjoni intavolata mir-rikorrent turi illi l-azzjoni maghmulha mir-rikorrent hija azzjoni stimatorja u mhux azzjoni redibitorja, u dana peress illi r-rikorrent qieghed jitlob lil Qorti lillikwida *"s-somma hekk likwidata rapprezentanti riduzzjoni fil-prezz tal-vettura ... mibjugha"*.

F'kaz ta' azzjoni stimatorja, ma hemmx il-htiega illi l-oggett illi ghalih qieghed jintalab ir-rifuzjoni tal-parti zejda illi thallset tigi ritornata lill-intimat, peress illi dana huwa mehtieg biss f'kaz illi qed jintalab ir-radd lura tal-prezz tal-bejgh. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tregix.

It-tieni eccezzjoni imressqa mill-intimat hija marbuta max-xhieda moghtija mill-mechanic Joseph Muscat li huwa persuna teknika, kif ukoll mal-konkluzjonijiet ta' l-esperti teknici, kemm dawk imqabbda mir-rikorrent, ossija Joseph Zammit, kif ukoll dawk imqabbda mill-Qorti, ossija Philip Zammit.

Jirrizulta skond dawna l-esperti kollha, illi fis-sistema tat-tkessieh tal-magna tat-Truck kienet tqieghdet kimika intiza sabiex taghlaq ix-xquq fic-cylinder head tal-magna, liema kimika certament ma kienetx tqieghdet hemm mir-rikorrent peress illi, ftit wara ma bdiet tintuza minnu, il-pipes ta' l-ilma infaqghu u gie skopert li s-cylinder head kienet mibruma u maqsuma.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-uzu ta' tali kimika ma hijiex necessarja sakemm ikun hemm xi hsara fil-magna u tibda tishon. Il-fatt illi nstabet tali kimika fil-magna hija indikattiva ghal-fatt li l-intimat kellu problemi fil-magna u, sabiex isolvihom, huwa qieghed tali kimika bil-ghan li difetti li kien hemm fis-cylinder head jigu rizolti. Tali difett, ghalhekk, certament kien a konoxxenza ta' l-intimat u huwa naqas milli jgharraf lir-rikorrent ta' dana id-difett.

Apparti minn hekk, hawnhekk japplika dak stabbilit fl-artikolu 1426 tal-Kap 16 fis-sens illi l-intimat:-

*......jwieġeb għad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-każ, m'għandux ikun obbligat għal ebda garanzija.*

Peress illi ma jirriuzltax ili tali tip ta' ftehim bil-miktub sar, ghalhekk it-tieni eccezzjoni ma tregix lanqas.

Dwar it-tielet eccezzjoni, dina tikkoncerna l-artikolu 1429 tal-Kap 16, kif indikat mill-istess intimat, liema artikolu, fl-ewwel sub artikolu tieghu, jipprovdi dan li gej:-

*Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej*

Issa, fil-kaz odjern, jidher illi r-rikorrent ma huwiex qieghed jitlob ghal danni minnu sofferti, izda qieghed jitlob **biss** illi l-prezz tal-vettura minnu mixtrija tigi ridotta b' valur illi jidhrilha xierqa il-Qorti wara illi tqabbad l-espert taghha. Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni ma tregix lanqas.

**Ikkunsidrat**

Illi skond ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Philip Zammit, il-hsarat kollha illi huwa seta jikkonstata fil-vettura u li kienu mohbija kienu gew stmati li jiswew elf sebgha mija tlieta u sittin liri maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm1,763.94), ossija erba’ t’elef mija u ghaxar ewro (€4,110). Il-Qorti m’ ghandhiex ghalfejn ma tisriehx fuq tali stimi u ghalhekk taghmel taghha il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert Philip Zammit.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat ix-xhieda kollha prodotta u d-dokumentazzjoni relattiva;

Wara illi rat ir-relazzjoni tal-Espert Tekniku Philip Zammit;

Wara illi qieset u gharblet il-fatti kollha tal-kaz;

Tghaddi biex tiddeciedi il-kaz billi;

Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimati u

Tilqa t-talba' tar-rikorrenti u tillikwida s-somma hekk dovuta mill-intimat lir-rikorrent bhala riduzzjoni fil-prezz tal-vettura Isuzu numru ta' Registrazzjoni **GBC 228** fl-ammont ta' erba’ t’elef, mija u ghaxar Euro (€4,110) u ghalhekk

Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata ta' erba’ t’ elef, mija u ghaxar Euro (€4,110) flimkien ma’ l-imghax mid-data tal-pprezentata ta’ l-avviz, ossija 30 ta' Novembru 2005, sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------